MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Numru 113/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Hamdi Nehmawi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta’ Hamdi Nehmawi ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Mohammed u Shetilja imwieled Tunis fis-27 ta’ Dicembru, 1989, residenti Hal-Far detention centre u detentur tal-Police Number 12T34, talli nhar l-4 ta’ Frar 2013 ghall-habta tal-04:00 a.m. gewwa Hal-Far, harab minn fuq post ta’ kustodja jew mill-

kustodja tal-persuna jew persuni inkarigati mill-kustodja tieghu, bi ksur tal-postijiet imsemmija, ai termini ta' l-Artikolu 152 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz.

Rat illi l-imputat iddikjara li huwa hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra it-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat li a tenur ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista’ tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta’ l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-akkuza migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssibu hati ta’ l-istess akkuza.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz, is-sottomissjonijiet avvanzati mill-imputat u l-fatt li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li kkopera mal-Pulizija.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 152 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija effettiva.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------